Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2011 tat-30 ta' Settembru 2011 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 37 (li jinkludi l-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 318 tal-1 ta' Diċembru 2011)

Fil-ħames premessa tal-preambolu kif ukoll fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2011 il-kliem "Kumitat tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew" jiġi mibdul bil-kliem "Kumitat għall-monitoraġġ tal-linji gwida u l-iskambju ta' informazzjoni".

Rettifika ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 76 tal-15 ta' Marzu 2012)

Fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2011 il-kliem "b'effett mill-1 ta' Lulju 2011" jitħassru.

Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 76 tal-15 ta' Marzu 2012)

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2011 tiġi emendata kif ġej:

1. Fl-ittra (c) tal-punt 2 tal-Artikolu 1 il-kliem "162/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011" jiżdiedu wara l-kliem "Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru";

2. Fl-ittra (c) tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tiżdied nota numru 4 f'qiegħ il-paġna bil-kliem "ĠU L 76, 15.3.2012, p. 49." wara l-kliem "li tinkorpora d-Direttiva 2009/28/KE".

Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 341 tat-22 ta' Diċembru 2011)

Fl-inċiż tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2011 il-kliem "Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2010" jiġi sostitwit bil-kliem "Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 365/2010".
